MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 191/2010

**A B f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha C B**
**Vs**
**D B, E F u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hi u l-konvenut D B, allura konjugi B, isseparaw legalment fis-26 ta' Jannar 2003, wara li kienu ilhom zmien separati de facto; li sussegwentement fil-31 ta' Ottubru 2008 u fl-24 ta' April 2009 iz-zwieg taghhom gie dikjarat null mit-tribunali ekklezjastici, u dan gie debitament registrat permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Dicembru 2009; li fit-18 ta' Dicembru 2009 l-attrici welldet lit-tifel C minn relazzjoni li kellha mal-konvenut E F, izda fl-att tat-twelid tal-minuri, numru 4342/2009, it-tifel gie registrat bhala l-wild tal-konvenut D B, mentri filfatt huwa l-wild naturali tal-

konvenut E F; li l-paternita' ta' l-imsemmi tifel giet stabbilita xjentifikament permezz tat-testijiet tad-DNA; ghalhekk l-attrici qed titlob [1] dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel C huwa l-wild naturali ta' E F u mhux ta' D B; u [2] li jsiru d-debiti korrezzjonijiet tal-imsemmi att tat-twelid; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut D B baqa' kontumaci;

Rat li l-konvenut E F aderixxa ghat-talbiet attrici b' verbal maghmul fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2010;
Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa: [1] il-pussess ta' stat legittimu tal-minuri fit-termini ta' l-artikolu 81 tal-Kap.16; [2] li t-talba numru 2 [viii] mhijex sostenibbli legalment; [3] li hu m' ghandux ibati spejjez;

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern fit-termini ta' l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat, u mahluf mill-analista Paul Sultana, u l-ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel C B, li twieled mill-attrici fit-18 ta' Dicembru 2009, u registrat fl-att tat-twelid tieghu numru 4342/2009, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut D B, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici u l-konvenut D B, konjugi B, isseparaw de facto, u wara xi zmien, iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fis-26 ta' Jannar 2003. Sussegwentement iz-zwieg taghhom gie dikarat null mit-tribunali ekklezjastici; u fil-31 ta' Dicembru 2009 in-nullita' giet debitament registrata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi civili.

Illi wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahhlet f'relazzjoni mal-konvenut E F, u minn din ir-relazzjoni twieled l-imsemmi tifel fit-18 ta' Dicembru 2009.

Illi l-attrici tikkonferma li wara s-separazzjoni de facto, hija la ghexet u lanqas kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut D B; u ssostni li l-missier naturali tat-tifel huwa E F.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet medici jissufragaw it-tezi attrici dwar il-paternita' tat-tifel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fl-ewwel lok jigi osservat li t-tieni eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma gietx sostnuta bi provi u ghalhekk ma tistax treggi; mill-banda l-ohra pero' it-tielet eccezzjoni relattiva ghall-paragrafu [viii] tat-talba numru tnejn hija fondata, u ser tigi milqugha.

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement dak sostnut mill-attrici rigward il-paternita' tal-minuri C B, u ghalhekk it-talbiet taghha, salv ghat-talba numru tnejn paragrafu tmienja, huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku relattiva ghall-istat tal-pussess legittimu tal-minuri, tilqa' t-talbiet attrici, salv ghat-talba 2 [viii]; u tiddikjara li t-tifel C li twieled mill-attrici fit-18 ta' Dicembru 2009 huwa l-wild naturali tal-konvenut E F, u mhux tal-konvenut D B, u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba, salv ghal paragrafu [viii].

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament fi kwoti wgwali bejn l-attrici u l-konvenut E F.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------